A.L. 112 ta' l-1996

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (ATT NRU. I TA' L-1992)

Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 41, 42 u 60 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità ta' l-Ippjanar, bil-kunsens tal-Ministru għall-Ambjent u tal-Ministru tal-Finanzi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-24 ta' Ġunju, 1996, u japplikaw għall-applikazzjonijiet kollha li tirċievi l-Awtorità fi jew wara d-data li jibdew iseħħu dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra–

"abitazzjoni" tfisser kull bini jew parti minnu użat għal għanijiet residenzjali, iżda teskludi lukanda, *guest-house*, jew stabbiliment simili;

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni għal permess ta' żvilupp;

"applikazzjoni emendata" tfisser applikazzjoni dwar l-istess sit u li tinvolvi żvilupp ta' l-istess karattru u deskrizzjoni bħal dawk li għalihom diġà ngħata permess u li għadha valida;

"applikazzjoni parzjali" tfisser applikazzjoni sottomessa speċifikament għal permess parzjali ta' żvilupp u li fiha xi waħda jew aktar mill-materji speċifikati huma riservati għal sottomissjoni u approvazzjoni aktar 'il quddiem;

"applikazzjoni għal tiġdid" tfisser aplikazzjoni għat-tiġdid ta' permess ta' żvilupp mogħti jew mifhum li ngħata mill-Awtorità dwar l-istess sit u żvilupp bħal dak li jkun ingħata permess qabel, u li tkun ġiet sottomessa qabel l-għeluq tad-data tal-permess;

"applikazzjonijiet għal emendi għal skemi (pjanti) u allinjamenti (linji)" tfisser dawk l-applikazzjonijiet, li waqt li mhumiex applikazzjonijiet għal permess dwar żvilupp, jeħtieġu l-

approvazzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar għal xi tibdiliet fl-Iskemi tal-Provedimenti Temporanji u fl-allinjamenti dettaljati ta' bini u ta' toroq fi skemi bħal dawk;

"area ta' paviment" tfisser l-ammont ta' paviment f'bini, li jkun determinat permezz tal-qisien esterni tal-bini, jiġifieri inkluża l-ħxuna tal-ħitan esterni u nofs il-ħxuna tal-ħitan diviżorji jew ħitan ta' appoġġ, u tinkludi kull taraġ, *lift*, *shaft*, btieħi interni, *verandahs*, terrazzini, galleriji, *canopies* u spazji oħra u kull saqaf jew terrazzin użat għal għanijiet kummerċjali;

"area ta' sit" tfisser l-area totali ta' art li hija s-suġġett ta' l-applikazzjoni;

"art reklamata għall-agrikoltura" tfisser ir-reklamar ta' art, inkluż id-depożitu ta' materjal u l-bdil tal-livell ta' l-art, għal għanijiet agrikoli;

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' Żvilupp;

"bini kummerċjali" tfisser bini li se jintuża għal xi użu mhux residenzjali jew mhux domestiku (barra minn bini ta' razzett jew serra) u tinkludi lukanda, *guest-house*, jew stabbiliment simili;

"bini ta' rziezet" tfisser bini użat biex jgħixu fih il-bhejjem, biex jinħażen fih għalf jew għodod jew għal għanijiet agrikoli oħra, iżda ma jinkludix irziezet-djar, serer u bini użati għal qtil ta' annimali u ipproċessar ta' annimali jew prodotti ta' annimali;

"bini speċjali" tfiser bini li jkun qed jipprovdi lil istituzzjoni, klabb, soċjetà, jew organizzazzjoni oħra ta' natura reliġjuża, kulturali, filantropika, sportiva jew ta' natura soċjali (li ma tkunx tinkludi Dipartimenti tal-Gvern jew parastatali) bil-faċilitajiet meħtieġa biex tilħaq l-għanijiet tagħha, inklużi skejjel, ospizji, djar tax-xjuħ, sptarijiet u bini ieħor jew utilitajiet simili, meta l-istituzzjoni, klabb, soċjetà jew organizzazzjoni oħra tkun dikjarata bħala meħlusa mit-taxxa mill-Ministru responsabbli għall-finanzi f'Avviż Legali magħmul għal dak il-għan;

"*boathouse* għal sajjied reġistrat" tfisser *boathouse* użata biex fiha jinżammu dgħajjes u tagħmir tas-sajd, użati fit-twettiq tas-sengħa reġistrata;

"*bungalow*" tfisser abitazzjoni għal familja waħda, kemm *detached* jew *semi-detached*, li jkun fiha mhux aktar minn sular wieħed abitabbli, u li jkollha area tas-sit ta' mhux anqas minn wieħed kull għoxrin ta' ettaru u mhux aktar minn 40 fil-mija minnha mibni;

"ċertifikat ta' żvilupp" tfisser ċertifikat imsemmi fl-artikolu 61 (2) ta' l-Att;

"demolizzjoni ta' bini" tfisser it-twaqqiegħ jew it-tneħħija kompleta, jew il-biċċa l-kbira, ta' l-elementi li jiffurmaw il-bini, bħal ma huwa s-saqaf, ħitan interni ta' diviżjoni jew ta' rfiegħ ta' toqol, u ħitan esterni, biex b'hekk jifdal anqas minn 25% ta' l-istruttura oriġinali, li ma tinkludix il-ħitan ta' l-appoġġi fejn il-bini ma jinsabx maqtugħ għalih waħdu;

"Dipartiment relevanti" tfisser, għall-finijiet ta' kontribuzzjoni tal-*main* tad-drenaġġ, id-Dipartiment tad-Drenaġġ tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, u għall-finijiet tal-kontribuzzjoni tat-triq, id-Dipartiment tat-Toroq tal-Ministeru responsabbli għat-Trasport, u kull korp ieħor li sussegwentement jassumi r-responsabbiltajiet ta' dawn id-Dipartimenti;

"*flat*" tfisser abitazzoni għal familja waħda li tokkupa s-sular kollu jew parti minn sular ta' bini li jkun fih għadd ta' abitazzjonijiet oħra simili, li ebda waħda minnhom ma jkollha d-dħul separat tagħha mit-triq, iżda li taqsam ma' oħrajn dan l-aċċess għad-dħul;

"garaxx" tfisser garaxx jew spazju għall-ipparkjar ta' karozzi, bi spazju għall-ipparkjar standard li għandu qisien bejn 2.4 metri u 3.0 metri wisa' u bejn 4.8 metri u 5.1 metri tul, użat għall-ipparkjar ta' vetturi, kemm magħluq jew miftuħ, u kemm jekk hu fil-livell ta' l-art jew le;

"impjant u makkinarju" tfisser tagħmir mekkaniku jew strutturi mekkaniċi, mibnija jew imqiegħda fuq l-art iżda mhux ġewwa bini;

"kontribuzzjoni" tfisser Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura;

"*maisonette*" tfisser post wieħed ta' abitazzjoni f'sular wieħed jew aktar f'bini li jikkonsisti f'aktar minn abitazzjoni waħda bħal dik, b'dan li kull abitazzoni jkollha l-bieb tad-dħul tagħha separat, b'entratura minn ġot-triq;

"mezzanin" tfisser abitazzoni għal familja waħda li tkun tikkonsisti f'sular wieħed jew aktar f'ringiela ta' tlett idjar jew aktar u tinkludi d-djar ta' mat-truf tal-mezzanin;

"paviment intermedjarju" tfisser paviment f'bini li ma jkunx jokkupa t-tul kollu jew il-wisa' kollu tal-bini;

"*penthouse*" tfisser abitazzjoni separata għal familja waħda li tkun tikkonsisti f'sular wieħed mibni fuq il-bejt ta' bini, u li ma tkunx tokkupa l-area kollha tas-saqaf;

"razzett-dar (*farmhouse*)" tfisser abitazzoni għal familja waħda użata biex joqgħod fiha bidwi reġistrat bħala tali;

"sajjied reġistrat" tfisser sajjied li jkun reġistrat mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd;

"sotterran" tfisser kull sular f'bini li parti minnu jew is-sular kollu huwa taħt il-livell ta' l-art, b'referenza għall-aktar triq baxxa li l-bini għandu faċċata tagħti għal fuqha;

"Taxxa dwar Bini" tfisser id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp u l-Kontribuzzjoni għal servizzi ta' Infrastruttura, sew flimkien jew weħidhom, skond il-każ;

"użu temporanju ta' art" tfisser l-użu ta' art għal utilità jew għan wieħed għal żmien erba' xhur jew anqas matul sena kalendarja waħda;

"valutazzjoni ta' impatt ambjentali" tfisser stqarrija dwar l-Impatt Ambjentali (SIA) jew stqarrija dwar l-Ippjanar Ambjentali (SIA);

"villa" tfisser abitazzjoni għal familja waħda, *detached* jew *semi-detached*, li tkun ta' mhux aktar minn żewġ sulari abitabbli;

"xogħlijiet ta' inġinerija" tinkludi l-formazzoni jew it-tqegħid ta' toroq u ta' mezzi ta' aċċess għal toroq; iċ-ċaqliq, rigradazzjoni jew il-kisi tal-wiċċ ta' art; il-kostruzzjoni ta' pontijiet jew strutturi simili; il-kostruzzjoni ta' lqugħ tal-baħar, mollijiet u strutturi simili; il-ħolqien u l-mili mill-ġdid ta' xtajtiet u xogħlijiet oħra li jolqtu x-xtajtiet; it-tqegħid ta' rmiġġi; u xogħlijiet simili, kemm fuq l-art kif ukoll f'qiegħ il-baħar.

(2) Kemm fl-Ewwel Skeda kif ukoll fit-Tieni Skeda, kull espressjoni definita għandha l-istess tifsira bħal ma għandha fl-Att.

Dritt għal Permess ta' Żvilupp.

3. Għandu jinġabar mill-Awtorità, Dritt għal Permess ta' Żvilupp bħala d-dritt li għandu jitħallas għar-rigward ta' applikazzjoni għal permess biex isir żvilupp, bir-rata stabbilita fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura.

4. Għandha tinġabar mill-Awtorità Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura bħala r-rata ta' kontribuzzjoni li għandha titħallas għall-ispejjeż ta' servizzi ta' infrastruttura u servizzi jew faċilitajiet oħra li jkunu meħtieġa minħabba l-permess biex l-art tiġi żviluppata, bir-rata stabbilita fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Thassir ta' A.L. 6 ta' l-1993.

5. Ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, huma b'dawn imħassrin.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 3)

Dritt għal Permess ta' Żvilupp

1. Barra minn kif provdut mod iehor, id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp bir-rati speċifikati f'din l-Iskeda għandu jitħallas għar-rigward ta' applikazzjonijiet għal permess ta' żvilupp skond ix-xorta ta' l-iżvilupp u jiġi kalkolat kif hawn taħt provdut:

	Lm
(1) Applikazzjonijet Parzjali	
fil-każijiet kollha, barra minn bini speċjali,	
għal kull 0.1 ta' ettaru (1000m²) area ta' sit, jew parti minnu	50.00
suġġett għal massimu ta'	2500.00
fil-każ ta' bini speċjali	30.00
barra meta applikazzjoni tkun teħtieġ valutazzjoni ta' impatt ambjentali; għal kull 0.1 ta' ettaru (1000m²) area ta' sit, jew parti minnu	20.00
(2) Applikazzjonijiet għal żvilupp mhux kummerċjali	
(a) Dritt għal kull abitazzjoni li tikkonsisti fi	
– *bungalow*	1000.00
– villa *detached*	750.00
– razzett-dar (*farmhouse*)	750.00
– villa *semi-detached*	500.00
– villa *semi-detached* b'żewġ abitazzjonijiet, għal kull abitazzjoni	200.00
– *penthouse*	150.00
– *flat*	60.00
– mezzanin	60.00
– *maisonette*	60.00
(b) Alterazzjonijiet u estensjonijiet ta' abitazzjonijiet	10.00
(3) Applikazzjonijiet għal żvilupp kummerċjali	
(a) Bini kummerċjali –	

	Lm
għal kull 50m² ta' paviment ta' bini jew parti minnu, hekk li l-area ta' paviment tkun ir-riżultat ta' l-area tal-paviment ta' l-akbar sular, moltiplikat bin-numru ta' sulari...	40.00
b'żieda għal kull 50m² ta' area ta' sit jew parti minnha, inkluża l-area mibnija	40.00
(b) Estensjonijiet u alterazzjonijiet ta' bini kummerċjali –	
– Estensjonijiet u alterazzjonijiet sa 50m² area ta' paviment	10.00
– Estensjonijiet u alterazzjonijiet 'il fuq minn 50m² ta' area ta' paviment, għal kull 50m² jew parti minnha	40.00
(c) Bini ta' rziezet –	
– sa 50m² area ta' paviment	10.00
– 'il fuq minn 50m², għal kull 50m² jew parti minnha	20.00
(d) Serer –	
– sa 100m² area ta' paviment	10.00
– 'il fuq minn 100m², għal kull 100m² jew parti minnha	10.00
(e) Barrieri –	
– għal kull 100m² area tas-sit jew parti minnha ...	25.00
– soġġett għal massimu ta'	5000.00
(f) Rimi ta' skart –	
– għal kull 100m² area tas-sit jew parti minnha	25.00
– soġġett għal massimu ta'	5000.00
(4) Garaxxijiet	
(a) Garaxxijiet li huma parti minn żvilupp ta' *flats* jew *maisonettes* –	
għal kull garaxx	10.00
bl-eċċezzjoni li żewġ garaxxijiet għal kull abitazzjoni waħda ikunu eżentati	
(b) Garaxxijiet li huma parti minn żvilupp kummerċjali residenzjali u imħallat –	

	Lm
għal kull garaxx	10.00
(c) Garaxxijiet li huma parti minn żvilulpp kummerċjali –	
għal kull garaxx	10.00
(d) Garaxxijiet oħra –	
għal kull 50m² area ta' paviment jew parti minnha	20.00
(5) Applikazzjonijiet Oħra	
(a) Xogħlijiet ta' inġinerija –	
– għal kull 0.1 ta' ettaru (1000m²) area tas-sit	50.00
– soġġett għal massimu ta'	2500.00
(b) Bdil fl-użu –	
– għal użu residenzjali, għal kull abitazzjoni li tinħoloq	60.00
– għal użu mhux residenzjali għal kull 50m² area ta' paviment jew parti minha	40.00
(c) Twaqqiegħ ta' bini jew strutturi	25.00
(d) Reklami –	
– għal kull reklam, kull metru kwadru tiegħu	5.00
– għa kull reklam illuminat, kull metru kwadru minnu	10.00
Soġġett għal ħlas minimu ta' Lm10 għal kull reklam, li għalih tkun saret applikazzjoni	
(e) Dixxijiet tas-satellita jew antenni tat-telekomunikazzjoni –	
għal kull dixx jew antenna	10.00
(f) Applikazzjonijiet għal tiġdid ta' permess	10.00
(ġ) Applikazzjonijiet għal emendi	25.00
(ħ) Approvazzjoni ta' kondizzjonijiet barra minn dawk imposti f'permess parzjali ta' żvilupp	25.00
(i) Bini jew użu speċjali	30.00
barra minn meta l-applikazzjoni tkun teħtieġ valutazzjoni ta' impatt ambjentali	500.00
(j) *Vending Machines*	
– għal kull magna proposta fl-applikazzjoni	10.00

	Lm
(k) Kull użu temporanju ta' art	50.00
(l) Applikazzjonijiet biex jiġi stabbilit ikunx meħtieġ permess ta' żvilupp	Xejn
(m) Reklamar ta' art għall-agrikoltura – għal kull 0.1 ta' ettaru (1000m²) ta' area tas-sit jew parti minnha	10.00
– soġġett għal massimu ta'	2500.00
(n) *Boathouse* għal sajjied reġistrat –	
– sa 50m² area ta' paviment	10.00
– 'il fuq minn 50m², għal kull 50m² jew parti minnha	20.00
(o) Impjant u makkinarju –	
– għal kull 0.1 ta' ettaru (1000m²) ta' area tas-sit jew parti minnha	50.00
– soġġett għal massimu ta'	2500.00
(p) Applikazzjonijiet għal emendi fi skemi u allinjamenti	50.00
(q) Applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' żvilupp ...	Xejn

(6) Dwar 5(k) ta' hawn aktar qabel tintlaqa' applikazzjoni waħda biss għal użu temporanju ta' art mill-istess applikant dwar l-istess sit f'kull sena kalendarja waħda, bil-ħlas imsemmi, kemm il-darba l-applikant jiddikjara li dan ikun każ ta' hekk.

(7) Dwar 5(n) ta' hawn iktar qabel, applikazzjoni għal *boathouse* għal sajjied reġistrat, tiħallas bir-rata msemmija biss jekk ma' l-applikazzjoni tinġieb prova ta' reġistrazzjoni.

(8) Id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp kollu mħallas ma' l-applikazzjoni huwa suġġett, kemm-il darba ma jingħadx mod ieħor, għal massimu ta' Lm300,000. Meta ssir aktar minn applikazzjoni waħda li tkun tirreferi għall-fażi ta' żvilupp separat wara li jinħareġ permess parzjali ta' żvilupp fuq l-istess sit, id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp li għandu jitħallas dwar dawk l-applikazzjonijiet ma għandux ikun ta' iktar minn Lm300,000 fl-ammont kollu tiegħu.

(9) Għandu jitħallas dritt minimu ta' Lm10 bħala Dritt għal Permess ta' Żvilupp ma' kull applikazzjoni, kemm-il darba ma jingħadx mod ieħor.

(10) Meta t-Taxxa dwar Bini hija sostanzjalment korrettement kalkulata mill-applikant jew mill-perit, u tiħallas qabel jew mas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni, l-ammont tad-Dritt għal Permess ta' Żvilupp dovut għandu jitnaqqas b'Lm5 jew 1% tad-Dritt għal Permess ta' Żvilupp dovut, skond liema minnhom ikun l-ogħla, barra minn meta d-Dritt għal Permess ta' Żvilupp dovut ikun anqas minn Lm60.

(11) Meta applikazzjoni tintbagħat lill-Awtorità ta' l-Ippjanar biex l-Awtorità tikkalkola t-Taxxa dwar Bini, din trid tkun akkompanjata bid-Dritt tal-Permess għal Żvilupp minimu kif speċifikat fis-subparagrafu (9) tal-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda. Dan id-dritt għandu jitnaqqas minnu Dritt għal Permess ta' Żvilupp li eventwalment ikun dovut li jitħallas dwar dik l-applikazzjoni.

2. Meta applikazzjoni hija għal żvilupp ġdid fuq sit li dwaru hemm fis-seħħ permess ta' żvilupp (barra minn permess parzjali ta' żvilupp), u l-iżvilupp hekk permess jew ma jkunx inbeda jew, jekk ikun inbeda, ma jkunx tlesta, id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp li għandu jitħallas għall-iżvilupp il-ġdid għandu jiġi ikkalkolat billi jitnaqqas id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp imħallas fuq il-permess ta' żvilupp li hemm fis-seħħ minn dak dovut fuq l-applikazzjoni l-ġdida (barra minn meta l-permess ta' żvilupp li hemm fis-seħħ huwa tiġdid ta' permess ta' qabel, u f'dak il-każ id-Dritt għal Permess ta Żvilupp li jrid jitnaqqas għandu jkun dak imħallas fil-permess oriġinali).

3. Ma jitħallas ebda Dritt għal Permess ta' Żvilupp għar-rigward ta' garaxx jew spazju għall-ipparkjar meta dan ikun jagħmel parti minn mezzanin, villa, *bungalow* jew *maisonette* wieħidha.

4. Meta applikazzjoni tinvolvi jew tinkludi t-twaqqigħ ta' bini eżistenti, l-area ta' bini bħal dak ma għandhiex titqies fill-kalkolu tal-ħlas li jrid isir.

5. Meta applikazzjoni tinvolvi aktar minn użu jew tip wieħed ta' żvilupp, id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp li għandu jitħallas għandu jiġi kalkolat billi jingħaddu flimkien l-ammonti applikabbli għal kull tip ta' żvilupp, b'dan li fejn l-applikazzjoni tinkludi żvilupp kummerċjali, id-dritt għall-iżvilupp kummerċjali jiġi kalkolat b'referenza għar-rata għall-area tal-paviment kummerċjali biss.

6. Biex ikun determinat id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp li għandu jitħallas għar-rigward ta' żvilupp kummerċjali, bil-għan li jiġi żgurat l-għadd ta' sulari li se jinbnew jew jintgħamlu, kull sotterran jew sular intermedju għandu jingħadd bħala sular separat. *Lift shafts* u strutturi oħra fuq is-saqaf ta' bejt, b'area totali ta' 100 metru kwadru jew anqas, ma jingħaddux bħala sular separat:

Iżda

(i) kull sular li jkun użat kollu kemm hu bħala garaxx jew għall-ipparkjar, ma jingħaddx bħala sular separat;

(ii) kull sotterran li għandu area ta' paviment ta' mhux aktar minn 50% ta' l-akbar area ta' paviment, ma jitqiesx bħala sular;

(iii) kull sular intermedju, b'area ta' paviment ta' mhux aktar minn 50% ta' l-akbar area ta' paviment, ma jitqiesx bħala sular; u

(iv) sew jekk sular ikunx sotterran sew jekk le, u għalhekk sew kollu kemm hu sew parti minnu taħt il-livell ta' l-art, għandu jiġi żgurat b'referenza ma' l-aktar triq baxxa li l-bini jew is-sit ikollu faċċata tagħti għal fuqha.

7. (a) Ir-rati kollha għandhom jitħallsu bir-rati kalkolati b'referenza għall-iżvilupp propost fl-applikazzjoni, u ebda ħlasijiet li jsiru kif dovut ma għandhom jingħataw lura kif speċifikat fis-sub-paragrafi (b) u (c) barra minn dawn il-każijiet:

(i) l-applikazzjoni tkun miċħuda, sakemm ma tkunx ġiet miċħuda bis-saħħa ta' l-artikolu 52(5) ta' l-Att;

(ii) l-applikazzjoni tkun saret b'mod mhux validu;

(iii) l-aplikazzjoni tkun ġiet irtirata mill-applikant qabel ma tkun ġiet deċiża.

(b) Meta applikazzjoni tiġi miċħuda mill-Awtorità, skond ma hemm provdut fil-paragrafu 7(a)(i) ta' din l-Iskeda, ikun rifondut nofs id-Dritt tal-Permess ta' Żvilupp, barra minn fil-każi li ġejjin:

(i) meta appell jew it-talba għal rikonsiderazzjoni jintlaqgħu mill-Bord ta' l-Appelli jew mill-Awtorità, id-Dritt għal Permess ta' Żvilupp ma jingħatax lura;

(ii) meta appell jew talba għal rikonsiderazzjoni ma jintlaqax mill-Bord ta'l-Appell jew mill-Awtorità, jingħata lura 50% tad-Dritt tal-Permess ta' Żvilupp.

(c) Meta applikazzjoni tiġi irtirata mill-applikant qabel ma din tkun ġiet deċiża, jingħata lura 75% tad-Dritt tal-Permess ta' Żvilupp, suġġett għal massimu ta' Lm2,500, kemm-il darba l-applikant ma jkunx tal-fehma li dan il-proporzjon tad-Dritt tal-Permess ta' Żvilupp jiġi trasferit lil applikant sussegwenti li jagħmel applikazzjoni dwar l-istess sit.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 4)

Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura

1. Hlief kif provdut mod ieħor, il-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura bir-rati speċifikati f'din l-Iskeda għandha tiħallas dwar applikazzjonijiet għal permess ta' żvilupp, bħala kontribuzzjoni għall-ispiża tas-servizzi hawn iktar 'il quddiem indikati:

(1) Żvilupp tal-*main* tad-drenaġġ bir-rata ta' –

A. Żvilupp mhux kummerċjali

Hlas għal kull *unit* li jkun jikkonsisti fi:

	Lm
Maisonette (weħidha)	110.00
Maisonettes (tnejn jew aktar - kull *unit*).....	90.00
Flat	110.00
Semi-detached unit b'żewġ *units* ta' abitazzjoni, għal kull *unit* ta' abitazzjoni	225.00
Mezzanin	225.00
Penthouse	275.00
Villa *semi-detached*	400.00
Villa *detached*	450.00
Bungalow	600.00
Razzett-dar (*farmhouse*)	450.00

B. Żvilupp kummerċjali

Estensjonijiet, għal kull 50m² area ta' paviment jew parti minnha	20.00
Żvilupp ġdid, għal kull 50m² area ta' paviment jew parti minnha	40.00

C. Garaxxijiet u spazji għall-ipparkjar

Hlas għal kull 50m² spazju ta' paviment jew parti minnu	40.00

barra meta garaxxijiet jiffurmaw parti minn mezzanin, *maisonettes* weħidhom, *bungalows* u vilel li huma eżenti

D. Bini agrikolu

Hlas għal kull 50m² area ta' paviment jew parti minnha	25.00

	Lm
Iżda l-kontribuzzjoni għall-*main* tad-drenaġġ ma tkun f'ebda każ anqas minn Lm60.	
(2) Kontribuzzjoni tat-triq bir-rata ta' –	
A. Żvilupp mhux kummerċjali	
Hlas għal kull *unit* li jkun jikkonsisti fi:	
Flat	60.00
Maisonette (waħda)	60.00
Maisonettes (tnejn jew aktar - kull *unit*).....	40.00
Semi-detached unit b'żewġ *Units* ta' abitazzjoni, għal kull *unit* ta' abitazzjoni	100.00
Mezzanin	105.00
Penthouse	150.00
Villa *semi-detached*	150.00
Villa *detached*	200.00
Bungalow	250.00
Razzett-dar (*farmhouse*)	200.00
B. Żvilupp kummerċjali	
Estensjonijiet, għal kull 50m² area ta' paviment jew parti minnha	10.00
Żvilupp ġdid, għal kull 50m² area ta' paviment jew parti minnha	20.00
C. Garaxxijiet u spazji għall-ipparkjar	
Hlas għal kull 50m² spazju ta' paviment jew parti minnu	20.00
barra meta garaxxijiet jiffurmaw parti minn mezzanin, *maisonettes* weħidhom, *bungalows* u vilel li huma eżenti	
D. Bini agrikolu	
Hlas għal kull 50m² area ta' art jew parti minnu	10.00
E. Barrieri	
Hlas għal kull 100m² area tas-sit jew parti minnha	10.00
Iżda l-kontribuzzjoni tat-triq ma għandha f'ebda każ tkun anqas minn Lm30.	

2. Meta applikazzjoni tkun għal żvilupp ġdid fuq sit li dwaru hemm fis-seħħ permess ta' żvilupp (barra minn permess parzjali ta' żvilupp), u l-iżvilupp hekk permess jew ma jkunx inbeda jew, jekk ikun inbeda, ma jkunx tlesta, il-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura li għandha titħallas għall-iżvilupp il-ġdid għandha tiġi kalkolata billi titnaqqas il-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura mħallsa fuq il-permess ta' żvilupp li jkun hemm fis-seħħ minn dik dovuta fuq l-applikazzjoni l-ġdida (barra minn meta l-permess ta' żvilupp li jkun hemm fis-seħħ ikun tiġdid ta' permess ta' qabel li, f'dak il-każ, il-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura li trid titnaqqas għandha tkun dik imħallsa dwar il-permess oriġinali).

3. Meta jkunu tħallsu l-kontribuzzjonijiet xierqa kollha għar-rigward ta' applikazzjoni oriġinali, ma titħallas ebda kontribuzzjoni ohra għar-rigward ta' applikazzjoni għat-tiġdid ta' permess mogħti fuq tali applikazzjoni, kemm jekk permess bħal dak ikunx għalaq jew le, jew għar-rigward ta' applikazzjoni emendata, jekk l-iżvilupp propost fl-applikazzjoni ikun l-istess bħal dak mogħti fil-permess oriġinali.

4. Ma titħallas ebda Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura b'relazzjoni ma' garaxx jew spazju għall-ipparkjar meta dan ikun jifforma parti minn mezzanin, villa, *bungalow* jew *maisonette* wieħidha.

5. Ma titħallas ebda Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura meta l-applikazzjoni tkun għar-rigward biss ta' –

(a) l-alterazzjoni jew l-estensjoni ta' bini, sakemm l-estensjoni ma tkunx aktar minn 50m² f'area ta' paviment;

(b) l-alterazzjoni jew l-estensjoni ta' abitazzjoni, basta ma tkunx tinvolvi l-holqien jew iż-żjieda ta' *unit* ta' abitazzjoni ieħor;

(c) il-wiri ta' reklami;

(d) it-twaqqif ta' dixxijiet tas-satellita jew antenni ta' telekomunikazzjoni oħra;

(e) it-tlugħ ta' ħajt tal-lqugħ, ċint jew xi mezz ieħor ta' għeluq;

(f) l-approvazzjoni ta' materji riservati b'kundizzjonijiet oħra li ma jkunux dawk imposti f'permess parzjali ta' żvilupp;

(g) it-twaqqiegħ ta' bini jew struttura eżistenti;

(ħ) it-twettieq ta' xogħlijiet ta' inġinerija;

(i) applikazzjoni għal permess parzjali ta' żvilupp;

(j) it-tlugh ta' bini ta' mhux aktar minn 50m² area ta' paviment, kemm-il darba dan it-tlugh ma jinvolvix jew ma joħloqx użu ġdid tas-sit li fuqu se jittella l-bini;

(k) it-twaqqif ta' serra;

(l) applikazzjoni minn Dipartiment tal-Gvern jew korp magħqud stabbilit b'liġi, fejn l-applikant jintrabat b'mod li jiġi speċifikat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar, ma' l-istess Awtorità ta' l-Ippjanar illi jiġu provduti s-servizzi ta' infrastruttura meħtieġa, jew flimkien ma' u bl-approvazzjoni tad-dipartiment relevanti bi spejjeż ta' l-applikant jew tad-Dipartiment relevanti, u li ssir ukoll il-manutenzjoni meħtieġa ta' dawk is-servizzi;

(m) applikazzjoni għal bdil ta' użu ta' xi art jew bini;

(n) applikazzjoni għal ħruġ ta' ċertifikat ta' żvilupp.

6. Ma titħallas ebda Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura dwar –

(a) ġibjuni
(b) *swimming pools*
(c) *washrooms* u *lift shafts*

li huma inklużi, jew jiffurmaw is-suġġett ta' applikazzjoni.

7. Ma titħallas ebda kontribuzzjoni tal-*main* tad-drenaġġ fil-każ ta' applikazzjonijiet dwar –

(i) barrieri;

(ii) it-tlugh ta' bini agrikolu għall-għanijiet ta' ħażna, ta' mhux iktar minn 50m² f'area ta' paviment;

(iii) xogħlijiet fuq id-drenaġġ, *pumping stations* u strutturi jew xogħlijiet oħra bħal dawk provduti mid-Dipartiment tad-Drenaġġ tat-Taqsima tax-Xogħlijiet jew minn xi korp ieħor li sussegwentement jassumi r-responsabbiltajiet ta' dak id-Dipartiment.

8. Il-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura titnaqqas b'75%, meta–

(a) l-applikant jintrabat ma' l-Awtorità, hekk kif jiġi speċifikat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar innifisha, illi hu stess jipprovdi s-servizzi ta' infrastruttura meħtieġa, jew flimkien ma' u bl-approvazzjoni tad-dipartiment relevanti u bi spejjeż ta' l-applikant, u li ssir ukoll il-manutenzjoni meħtieġa ta' dawn is-servizzi; jew

(b) l-applikazzjoni tkun dwar sit fejn is-servizzi ta' infrastruttura meħtieġa jkunu ġew provduti bi spejjeż ta' xi individwu u jkun intrabat, b'mod li jiġi hekk

speċifikat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar, li jagħmel manutenzjoni ta' dawk is-servizzi:

Iżda fil-każijiet kollha, għandu jitħallas il-minimu tal-Kontribuzzjoni tat-Triq u l-Kontribuzzjoni tad-Drenaġġ.

9. Il-Kontribuzzjonijiet għal Servizzi ta' Infrastruttura kollha jitħallsu bir-rati kalkolati b'referenza għall-iżvilupp propost fl-applikazzjoni u ma tingħata lura ebda kontribuzzjoni ħlief fil-każi li ġejjin:

(i) il-permess li għalih tkun saret l-applikazzjoni ikun ġie miċħud, kemm-il darba dan ma jkunx ġie miċħud bis-saħħa ta' l-artikolu 52(5) ta' l-Att;

(ii) l-applikazzjoni saret b'mod mhux validu;

(iii) l-aplikazzjoni tkun ġiet irtirata qabel ma tkun ġiet deċiża mill-Awtorità kemm-il darba l-applikant ma jkunx tal-fehma li l-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura tista' tiġi trasferita għal applikant sussegwenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjoni fuq l-istess sit:

Iżdą fil-każijiet imsemmija fis-subparagrafi (i), (ii) u (iii) hawn aktar qabel imsemmija, 10% tal-Kontribuzzjonijiet għal Servizzi ta' Infrastruttura għandhom jinżammu dejjem biex ikopru spejjeż amministrattivi u konsegwentement dawn ma jingħatawx lura;

(iv) jekk tkun saret għar-rigward ta' applikazzjoni għal kategorija ta' żvilupp li għalih ma jkunx meħtieġ permess bħal dak minn jew taħt xi dispożiżżjoni ta' l-Att jew ta' xi regolamenti jew ordni magħmula bis-saħħa tagħhom, u l-applikazzjoni tintbagħat lura lill-applikant mill-Awtorità;

(v) jekk l-applikazzjoni tkun waħda li dwarha jirreferi l-paragrafu 8(a), u l-applikant sussegwentement jipprovdi s-servizzi xierqa bi spejjeż tiegħu u d-Dipartiment relevanti jkun iċċertifika li x-xogħlijiet ikunu saru għas-sodisfazzjon tiegħu, jingħata ħlas lura ta 15% tal-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura, bil-kundizzjoni li l-Awtorità ta' l-Ippjanar iżżom il-ħlasijiet minimi;

(vi) jekk l-applikazzjoni hija waħda li dwarha jirreferi l-parqagrafu 8(b) u d-Dipartiment relevanti jkun iċċertifika li x-xogħlijiet ikunu saru għas-sodisfazzjoni tiegħu, jingħata ħlas lura ta' 15% tal-Kontribuzzjoni għal Servizzi ta' Infrastruttura, bil-kondizzjoni li l-Awtorità ta' l-Ippjanar iżżomm il-ħlasijiet minimi.

10. Meta l-Awtorità jidhrilha li biex tlaħħaq mad-domandi straordinarji jew eċċezzjonali li, fil-fehma ta' l-Awtorità, ix-xorta, il-lok jew skala ta' l-iżvilupp propost x'aktarx li tixħet fuq is-servizzi ta' infrastruttura u servizzi jew faċilitajiet oħra, kif ukoll li biex tiżgura l-ippjanar xieraq ta' l-area u tirregola l-użu ta' art skond il-*policies*

u l-proposti tal-Pjan ta' Struttura u ta' kull pjan sussidjarju għalih, il-kontribuzzjoni msemmija hawn aktar qabel f'din l-Iskeda ma tkunx biżżejjed, l-Awtorità għandha tistabilixxi xi tkun il-kontribuzzjoni li għandha titħallas biex tkopri l-ispiża tas-servizzi u faċilitajiet li jitnisslu mill-permess li għalih tkun saret applikazzjoni, u tista' wkoll tidħol fi ftehim ma' l-applikant biex tiżgura li jsir il-ħlas tal-kontribuzzjoni li tkun hekk ġiet stabbilita u t-twettieq xieraq ta' l-iżvilupp skond il-permess ta' l-Awtorità.

11. Fejn l-Awtorità tkun adottat skema ta' ħlas kommutata dwar l-ipparkjar ta' karozzi, id-dritt li għandu jitħallas flok kull spazju għal karozza waħda li ma jkunx jista' jiġi provdut f'dak is-sit ta' żvilupp, ikun ta' Lm900.